*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 14

IL-Tlieta 12 ta' Mejju 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqgha *online* fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace - Kunsillier
Ishmael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **14.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 14.1.1 | Ma kienx hemm. |
| **14.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 14.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 13 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 14.2.2 | Is- Sur Christian Pace ppropona u s-Sur Neil Portelli ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 13 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **14.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 14.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera b'korrispondenza mibghta minn Transport Malta fejn il-Vici Sindku Darlene Vella Zammit kienet talbet rikjesta f'isem ir-residenti sabiex jigi kkunsidrat li Triq l-Arkata Normanna tigi *One-Way*. Is- Sindku nforma l-Kunsill li r - rikjesta giet approvata fuq kundizzjoni li l-pubbliku jigi kkonsultat u jkun hemm prova ta' tlitt xhur. |
| 14.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bi skema tal-pjanti minn Infrastructure Malta fejn il-Kunsill gie moghti sittin *pot* inkluz is-sigar flimkien bil-manutenzjoni ghat-tlitt snin li gejjijn. |
| 14.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li qed jingabru tlitt quotations sabiex jigi rilokat il-monument ta' Mark Farrugia. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier s-Sur Neil Portelli li offra l-fondi tal-LESA sabiex isir il-monument, liema fondi nghataw lilu ghar-responsabilitajit tieghu. |
| 14.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera l-Vici Sindku Darlene Vella Zammit ghamlet rikjesta ma' Transport Malta sabiex isir *stage* fi Triq Palma. |
| **14.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 14.4.1 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa,"Nixtieq inkun naf fuq il-Ġemellaġi li għandna?"<br><br>Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill ghandu zewg gemellaggi, wiehed ma' Veniko Tornovo u iehor ma' Ovindoli. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 14.4.2 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa,"Fiex waslu l-audits? X'riżultati hemm?"<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-*Audit* kien sar u l-Kunsill qed javvanza l-quddiem finanzjarment. |
| 14.4.3 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa,"Il- flus li jkollna li nġibu tal-Planing Authority, D.P.F (Development Planning Funds), x'nagħmlu bihom?"<br><br>Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li temporanjament il-Kunsill ghadu ma' ghamel xejn b'dawn il-fondi ghar-raguni li 30% irid johrogom il-Kunsill u bhalissa mhuz f'puzizzjoni li jaghmel dan. Is-Sindku spjega li dawn il-fondi jistghu jintzaw il-quddiem ghall-progett tal-Pjazza. |
| 14.4.4 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa,"Qablilna li neħħejna il-kuntraturi tal-knies u tal-ġonna u tqarviż ieħor barra il-ġonna, u xi gwadajna?"<br><br>Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kuntratt tal-knis kwazi lest u se jkun qed jintbghat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-approvazzjoni qabel ma' jigi publikat. Fir -rigward tal-Kuntratt tal-Gonna s-Sindku spjega li ngabru tlitt quotations u se jkun aktar vijabbli ghall-Kunsill, kemm bhala xoghol kif ukoll finanzjarment. |
| 14.4.5 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa,"Nista nara r-ritratti tal-Risk Assessment li kien sar fi tlitt Ġonna / Playing Fields li għandna?"<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li dawn intbghatu b'*email* nhar il-11 ta' Mejju 2020. |
| 14.4.6 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa,"Iż-żewġ *Bus shelters* li hemm f'Triq Palma, fit-tarf ta' Triq l-Isqajjaq u l-ieħor li hemm Triq Ħal Tarxien ħdejn l-għassa il-qadima, li minn dejjem xtaqt li jsiru, fiex wasalna għalihom?"<br><br>Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera l-Vici Sindku Darlene Vella Zammit ghamlet rikjesta ma' Transport Malta f'dan ir-rigward. |
| 14.4.7 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa,"Kont staqsejt biex isir mera fi Sqaq it-Tramuntana, wara il-pompa tal-petrol minħabba xi garaxijiet?"<br><br>Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-mera m' ghandiex issir ghax is-sqaq huwa tal-privat. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 14.4.8 | Is-Sur Thomas Debattista staqsa,"L-aħħar mistoqsija li xtaqt li nagħmel hi li jien niddejjaq nisma x'għamel il-Kunsill l-iehor. Ma nistawx nibqgħu imwaħlin li noqgħodu ngħidu id-dejn li ħallew, ok mazra ma' saqajna imma ejja ħa nimxu il-quddiem. Issa hemm Kunsill ġdid u naħdmu u nagħmlu xogħolijiet għal poplu ta' Ħal-Tarxien li tawna il-fiduċja tiegħu. L-istess poplu li ħalla il-Kunsill preċedent tajjeb u ħażin. Ejja ħalli naħdmu u t-tajjeb inżidu fuqu u l-ħażin inwarbuħ?<br><br>Saret diskussjoni libera bejn il-Kunsill f'dan ir-rigward. |
| **14.5** | **Rapporti** |
| 14.5.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta r-Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsillera r-Rapport gie approvat. |
| **14.6** | **Mozzjonijiet** |
| 14.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **14.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 14.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsilliera li t-*Tender* tal-*Accountants* gie *awarded* lill-irhas *bidder* li huwa GCS Accounting Malta Limited u l-Kuntratt se gie ffirmat. |
| 14.7.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsilliera li t-*Tender* tal-Knis dalwaqt ikun finalizzat u se jintbghat ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment fil-jiem li gejjijn. |
| 14.7.3 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsilliera li t-*Tender* tal-gonna mhux se jinhareg ghax ingabru tlitt *quotations* u certu xoghol se jigi mplimentat mill-haddiema assenjati tal-Kunsill. |
| 14.7.4 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li wara li t-*Tender* tal-*Contacts Manager* kellu jigi ikkancellat imhabba l-appell, hekk kif mifthiem maghhom ma regax inhareg *Tender* iehor imma minflok ingabru tlitt quotations sabiex jigi assenjat *Contracts Manager* hekk kif titlob il-ligi. |
| 14.7.5 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-Kuntartt tad-*Data Protection Officer* (DPO), kien ghalaq ghaldqastant ingabru tlitt quotaions u gie assenjat DPO gdid. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **14.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 14.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 10/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' April 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 14.8.2 | Fuq mozzjoni ta' Sa Anabelle Marmara' ssekondata minn Sa Darlene Vella Zammit l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **14.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 14.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7.15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 9 ta' Gunju 2020 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 12 ta' Mejju 2020.

**Joseh Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*